**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Att ta' Akkuża numru: 24/2022**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**JAROLINA DEL SOCORRO MENDEZ BETHANCOURT**

**Illum, 2 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża kontra **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt**, bint Jorge Mendez Mendez u Alba Nidia Benthacourt Reyes, imwielda ir-Repubblika Domenikana nhar il-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf, disgħa mija, sitta u disgħin (1996), detentriċi tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru 02558749E, li bih ġiet akkużata mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**
***Importazzjoni tad-droga Kokajina***

Illi nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt,** minn issa il-quddiem tissejjaħ l-akkużata, iddeċidiet li ddaħħal ġewwa Malta d-droga Kokajina bil-għan illi tiġi ttraffikata;

Illi fortunatament l-uffiċċjali tad-Dwana bl-assistenza tal-Pulizija rnexxilhom jintervjenu mill-ewwel sabiex twaqqaf din l-attivita’ kriminali;

Illi propju nhar il-ħamsa (5) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) il-Pulizija mis-sezzjoni ta’ kontra d-droga ġiet infurmata mis-sezzjoni tad-Dwana stazzjonati ġewwa l-mitjar ta’ Malta dana wara li waqt spezzjoni li kienet għadha kif saret fuq il-persuna tal-akkużata ġew elevati disgħin-il (90) kapsola, li kienu moħbija fil-ħwejjeġ tagħha u li kien fihom trab abjad, liema trab kien suspettat li jikkontjeni d-droga kokajina. Illi jirriżulta li l-akkużata kienet għadha kif waslet Malta b’titjira tar-RyanAir F533 minn Madrid Spanja.

Illi malli l-uffiċjali tal-pulizija waslu fuq il-post u ngħataw l-imsemmija kapsoli, il-pulizija nfurmat lill-Maġistrat tal-għassa fejn immedjatament infetħet Inkjesta bil-ħatra ta’ diversi esperti biex jassistu u jippriżervaw l-evidenza kollha li ġiet misjuba u elevata.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert spiżjar forensiku tal-Qorti fuq id-disgħin (90) kapsoli ġie kkonfermat li filfatt it-trab abjad kien jikkontjeni s-sustanza kokajina bil-piż totali ikun ftit anqas minn disa’ mitt (900) gramma b’purita’ ta’ ċirka ħamsa u tletin fil-mija (35%);

Illi d-droga Kokajina hija regolata taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi b’għemilha l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** saret ħatja talli nhar il-ħamsa (5) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) importat jew ġiegħlet li tiġi mportata madwar disa’ mitt (900) gramma droga kokajina sabiex tiġi ttraffikata f’dawn il-Gżejjer, dana mingħajr ma kienet awtorizzata u/jew liċenzjata biex timporta d-droga kokajina, u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** bi traffikar u dana talli importat jew

ġiegħlet li tiġi mportata d-droga Kokajina f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** u illi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tagħha hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **15A, 22(1)(a)(1B)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**
***Pussess aggravat tad-droga Kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fil-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) eżattament malli l-uffiċjali tad-Dwana waqfu lill-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** u saru l-ispezzjonijiet neċessarji ġew elevati disgħin-il (90) kapsola minn fuq il-persuna tagħha. Illi mill-eżamijiet tal-espert irriżulta li l-imsemmija kapsoli kien fihom id-droga kokajina fl-ammont ta' ftit anqas minn disa' mitt (900) gramma, b'purita' ta' ċirka ħamsa u tletin fil-mija (35%);

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern senjatament il-mod kif kienet moħbija d-droga, kif ukoll l-ammont ta' droga nnifsu jagħmluha evidenti li għalkemm l-imsemmija droga kienet fil-pussess tagħha dina ma' kinitx intiża għall-użu esklużżiv tagħha.

Illi *in oltre* l-akkużata ma kinitx awtorizzata jew liċenzjata sabiex ikollha fil-pussess tagħha din id-droga.

Illi b'għemilha l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** saret ħatja talli kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess

ta' awtorizazzjoni u/jew liċenzja maħruġa skont l-Ordinanza, u li dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dan il-pussess ma kienx għall-użu esklużżiv tagħha**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** talli kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tagħha,** dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** u illi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tagħha hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u r-regola **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt**.

<u>**IT-TIELET (3) KAP**</u>

***Prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fil-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) meta l-akkużata ġiet mwaqqfa mill-uffiċċjali tad-Dwana, kienet qed tagħmel użu minn ċertifikat li jgħajjat lil ċertu Yarelisa Ramirez Ortiz. Illi dan iċ-ċertifikat użatu biex vjaġġat minn Spanja għal Malta. Illi li kieku ma kienx għall-uffiċċjali tad-Dwana li ndunaw u għorkithom għajnejhom li d-dettalji li tagħthom u dawk li jidhru fuq l-imsemmi ċertifikat ma kienux jikkombaċu, l-akkużata kienet qed tagħmel ta' bir-ruħha li hija l-imsemmija Yarelisa Ramirez Ortiz. Illi għalkemm l-akkużata ma tatx dettalji fuq l-imsemmija Yarelisa Ramirez Ortiz, ikkonfermat mal-pulizija l-identita' tagħha u cioe' li jisimha **Jarolina Del**

**Socorro Mendez Bethancourt** skont iċ-ċertifikat li kellha mniżżel fuq iċ-ċellulari tagħha li kkonfermat li kien iċ-ċertifikat propju tagħha liema dokument ma kienx fiżikament magħha.

Illi b'għemilha l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** saret ħatja talli tat prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-ufiċċjali tad-Dwana u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Imigrazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** talli tat prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Imigrazzjoni;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** u illi tiġi kkundannata għal piena ta' sentejn (2) priġunerija kif ukoll multa ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) skont dak li hemm u jintqal fl-**artikolu 32(1)(ċ)** tal-**Att Dwar l-Imigrazzjoni**, **Kapitolu 217** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 31** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt**.

**<u>IR-RABA' (4) KAP</u>**

***Użu ta' ċertifikat tal-identita` bħala passaport maħruġ lil persuna oħra***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fit-tlett Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fil-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) meta l-akkużata ġiet mwaqqfa mill-uffiċċjali tad-Dwana, apparti l-kapsoli msemmija fil-Kapijiet preċedenti ġew elevati diversi oġġetti oħra minn fuq il-persuna tal-akkużata. Illi fost dawn l-oġġetti ġie elevat ċertifikat tal-identita' li jgħajjat li ċertu Yarelisa Ramirez Ortiz liema ċertifikat l-akkużata użat sabiex vjaġġat minn Spanja għal Malta. Illi mill-provi miġbura jirriżulta li ċ-ċertifikat tal-identita' tal-akkużata ma kienx fil-pussess tagħha iżda ritratt tiegħu li kien fuq iċ-ċellulari tagħha ġie muri lill-uffiċċjali tal-Pulizija. Illi l-akkużata kkonfermat mal-Pulizija li dak kien iċ-ċertifikat propju tagħha.

Illi b'għemilha l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** saret ħatja talli għamlet użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra u ċioe' lil Yarelisa Ramirez Ortiz u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Passaporti;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** talli għamlet użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Passaporti;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** u illi tiġi kkundannata għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2** u **4** tal-**Ordinanza Dwar il-Passaporti**, **Kapitolu 61** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 31** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt**.

Rat l-atti proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużata Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt, ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Ġunju 2024, fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din il-Qorti illi, fl-eventwalita` illi jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużata Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt għall-akkużi miġjuba kontriha fl-Att ta' Akkuża fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt' (Att ta' Akkuża numru 24/2022), il-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużata minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **ħames (5) snin flimkien ma' multa ta' sebat elef ewro (€7,000)**, kif ukoll il-ħlas tal-ispejjeż peritali u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija skont l-akkuża u dana ai termini tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament, inkluż il-konfiska wkoll ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkużata.

Illi fl-aħħarnett u għal kull buon fini, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, kif maqbula, ittieħed in konsiderazzjoni dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, applikabbli **b'żewġ (2) gradi**.

Rat illi waqt l-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar is-17 ta' Ġunju 2024, l-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt**, debitament assistita mill-avukat ta' fiduċja tagħha, irreġistrat ammissjoni għall-akkużi lilha addebitati fl-Att ta' Akkuża surreferit;

Rat illi wara li wissiet lill-akkużata bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha, wara li rat ukoll illi hija kienet qed tifhem l-import tal-istess ammissjoni, inkluż il-kontenut u l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors konġunt fuq imsemmi, u wara li tagħtha ħin suffiċjenti sabiex terġa' tikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tagħha, terġa' taħsibha u terġa' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, u wara illi l-kawża ġiet posposta għal dan il-għan, l-akkużata ikkonfermat l-ammissjoni tagħha.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddikjara lil **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** ħatja taħt il-Kapi kollha tal-Att tal-Akkuża kif dedotti kontra tagħha u ċioe` ħatja talli:

1. Importat jew ġiegħlet li tiġi mportata d-droga kokajina f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

2. Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

3. Tat prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dawr l-Immigrazzjoni;

4. Għamlet użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Passaporti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużata ammettiet l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha qabel ġie fformat il-ġuri, għalkemm wara illi ħareġ l-Att ta' Akkuża. Fir-rigward, il-Qorti qieset il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, li tirreferi wkoll għal dik estera, f'ċirkostanzi fejn il-ħati jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar il-5 ta' Lulju 2002, **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Lulju 2002 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2004.

Qieset ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ ossia illi *inter alia* l-akkużata importat ġewwa Malta u kellha fil-pussess tagħha, disgħin kapsola kontenenti droga kokaina, illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Dr. Godwin Sammut, jirriżulta illi kellha piż ta' 877.50 grammi +/- 16.26 grammi ossia bejn 861.24 grammi u 893.76 grammi, b'purita` medja tat-trab għad-droga kokaina ta' 35% u b'valur ta' bejn ħmistax-il elf, ħames mija u żewġ ewro (€15,502) u wieħed u sebgħin elf u ħames mitt ewro (€71,500).[1]

Qieset in oltre illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-akkużata kellha tibbenefika bit-tnaqqis fil-piena b'żewġ gradi, skont l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet, u dan fid-dawl tal-kooperazzjoni tagħha mal-Pulizija Eżekuttiva fit-termini tal-imsemmi Artikolu.

Qieset in oltre il-ġurisprudenza in materja u pieni erogati dwar reati li jinvolvu d-droga. Naturalment, kull każ għandu l-fatti speċi tiegħu, u fil-waqt illi l-ġurisprudenza in materja tista' sservi bħala linja gwida, il-piena mposta għandha dejjem tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in diżamina.

Tenut kont tas-suespost, u fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużata, il-Qorti tqis illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet u għalhekk se teroga, fil-konfront tal-akkużata, il-piena mitluba mill-partijiet, permezz tar-rikors konġunt ippreżentat minnhom kif ingħad.

---

[1] Dan stante illi l-valur tad-droga kokaina jvarja bejn tmintax-il ewro (€18) il-gramma u t-tmenin ewro (€80,000) il-gramma. Ara r-relazzjoni tal-espert Dr. Godwin Sammut, a fol. 120 *et seq* tal-proċess.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 16, 20, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(a)(i)(aa), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(9), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 2, 9 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 2 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-akkużata **Jarolina Del Socorro Mendez Bethancourt** għal piena ta' ħames (5) snin priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li matulu hija nżammet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri u multa ta' sebat elef ewro (€7,000), liema multa, fin-nuqqas ta' ħlas, tiġi konvertita f'piena ta' priġunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

Tikkundannaha in oltre għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' elf, wieħed u ħamsin ewro u tletin ċenteżmu (€1,051.30), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Keith Cutajar[2], is-somma ta' mija, wieħed u erbgħin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€141.58), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PS 2293 Michelle Camilleri u PS 2089 Maria Bezzina, Uffiċjali tax-Xena tar-Reat[3], is-somma ta' erba' mija, sitta u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€436.36), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Dr. Godwin Sammut[4], u s-somma ta' elf, mija, tmienja u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€1,168.20), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Marisa Cassar[5], b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' elfejn, seba' mija, sebgħa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,797.44), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien xahar mil-lum, u fin-nuqqas jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.[6]

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes, proprjeta` mobbli u immobbli tal-ħatja.

---

[2] Ara a fol. 87 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 96 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 125A tal-proċess.
[5] Ara a fol. 142 tal-proċess.
[6] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 169 Jurgen Schembri, stante illi l-analiżi għall-impronta diġitali mwettqa minnu rriżultat fin-negattiv.

Finalment sakemm l-Avukat Ġenerali ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga esebita f'dawn il-proċeduri hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħrajn kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur, li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**